# AVVIŻI

1. Il-laqgħat li jmiss se jsiru kif ġej:
   Il-Ħadd 7 u 21 ta' Ottubru 2007 fil-5.00p.m.
   Il-Ħadd 4 u 18 ta' Novembru 2007 fit-3.30p.m.
   Il-Ħadd 2 u 16 ta' Diċembru 2007 fit-3.00p.m.
   Il-Ħadd 6 u 20 ta' Jannar 2008 fit-3.00p.m.

2. Dawk li qalgħu xi grazzja huma mħeġġa li jiktbulna l-grazzja u jagħtuna kemm jistgħu dettalji dwarha. Tinsewx tiktbu isimkom, l-indirizz u n-numru tat-telefon. Jekk ma tkunux tridu li jidher isimkom fuq il-fuljett dan ma jiġix ippubblikat. Huwa mportanti li, kemm jista' jkun, ittuna ċ-ċertifikat tat-tabib fejn jiċċertifika l-fejqan tagħkom.

3. Inħeġġu lill-qarrejja biex jimlew il-formola ta' sħubija fil-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni. Dawn il-formoli jistgħu jittieħdu mill-Girgenti stess jew billi tiktbu lis-Segretarja, Dr. Sylvana Spiteri, 6, Sqaq Nru. 2, Triq il-Kbira, Siġġiewi, SGW 1320.

4. Min hu nteressat li jkun jaf aktar dwar il-ġrajjiet tal-Girgenti infakkrukom li matul is-snin ġew ippubblikati seba' kotba bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż. Dawn il-kotba jistgħu jinkisbu jew mill-Girgenti jew billi tiktbu lis-Segretarja fl-indirizz fuq imsemmi.

5. Wieħed jista' jakkwista wkoll santi bit-talba ta' interċessjoni ta' Ġuża Mifsud (bil-Malti u bl-Ingliż) kif ukoll domni, *keychains, DVDs* u kuruni bix-xbieha tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni. Dawn jinkisbu biss mill-Girgenti jew inkella mingħand xi membru tal-Kumitat.

6. L-indirizz tal-website tal-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni huwa dan li ġej:www.ourladyofconsecration.org

**DIKJARAZZJONI:** *Il-Bord Editorjali ta' dan il-fuljett jiddikjara li, bl-ebda mod, ma jrid jgħaddi ġudizzju fuq dak li hu soprannaturali fil-fatti msemmija hawnhekk. Dan il-ġudizzju jistennieh mill-Awtorità tal-Knisja.*

Veritas Press – Żabbar

NEWSPAPER POST

# LEĦEN IL-GIRGENTI

MAĦRUĠ MILL-KUMITAT MADONNA TAL-KONSAGRAZZJONI

No. 72 OTTUBRU 2007 JITQASSAM BLA ĦLAS



## Il-5 ta' Awissu 2007

X'ferħ kbir meta ftaħt l-ittra ffirmata minn Dun Anton Gouder fejn informa l-Kumitat li l-Arċisqof Mons. Pawl Cremona O.P. kien laqa' t-talba tagħna sabiex Dun Nazzaren Tonna iqaddes quddiesa oħra l-Girgenti. Din il-quddiesa ingħatat mill-Eċċelenza tiegħu fl-okkazzjoni tal-ħamsin sena mill-ordinazzjoni ta' Dun Nazzaren bħala saċerdot.

Dritt ċempilt lil Dun Nazzaren li wkoll laqa' b'ferħ kbir din l-aħbar. Ftehmna li l-quddiesa ssir fil-laqgħa ta' l-ewwel Ħadd ta' Awissu. Meta qtajna u jiena ħarist lejn il-kalendarju sibt li l-ewwel Ħadd ikollna proprju 5 ta' Awissu. M'hijiex data li tibqa' għaddejja għaliex il-maħbuba Ġuża Mifsud, il-fundatriċi tagħna kienet tgħidilna li l-5 ta' Awissu huwa jum it-twelid tal-Madonna skond kif kienet tgħid li qaltilha l-Madonna stess.

Saru l-preparamenti meħtieġa u wasal il-jum tant mistenni li l-Girgenti jerġa jitbierek bi grazzja tant kbira, iċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa.

Qabel il-quddiesa intqal ir-rużarju filwaqt li ħafna minn dawk preżenti kellhom l-opportunita li jirċievu s-sagrament tal-qrar.

Fil-bidu tal-quddiesa, Dun Nazzaren Tonna qal, "Iltqajna hawnhekk, ħuti, llum, biex infaħħru lil Alla l-ewwel nett għal kobor tiegħu, għall-imħabba tiegħu, għal kemm iħobbna, kemm jieqaf magħna, x'għamel għalina, kemm iridilna ġid biex infaħħruh. It-talba tagħna ta' flimkien tgħodd ħafna. Kristu qal, "fejn hemm tnejn jew tlieta miġburin f'ismi hemm jiena f'nofshom." U jiena dak li qed nara, dak li qed inħoss li hawnhekk hawn Kristu qiegħed magħna, qiegħed iberikna, qiegħed jieħu ħsiebna, qiegħed imexxina ħalli bil-mod il-mod ta' bnedmin dgħajfa li aħna, nimxu warajh, nagħmlu r-rieda tiegħu ħalli nsalvaw ruħna.

It-tieni wkoll biex infaħħru lil Marija. Ara kemm ilna nitilgħu hawn fuq, ma nitilgħux biex ngħaddu ż-żmien jew għal frisk jew għax-xita imma biex dejjem ninbidlu. Jien hekk ngħidilha 'l-Madonna, "jiena niġi ħdejk biex lili tbiddilni," għax jiena bniedem dgħajjef allavolja taf li nħobbha, imma jiena bniedem dgħajjef u waqt il-prova kollox. Għalhekk infaħħruha llum u b'dawk l-erba' kelmiet li jiena ppreparajt fil-qosor, dak li ser nagħmel, ħalli wkoll inkunu nistgħu infaħħruha 'l-Madonna u naraw l-għemejjel kbar li l-Mulej għamel magħha. U fl-istess ħin ukoll nirringrazzja lil Alla u lill-Madonna ta' kemm għamlu miegħi u ta' Fr. Lorry (Galea) wkoll għax dan ukoll għalaq ħamsin sena bħali qassis, ħalli l-Madonna tberikna u fl-istess ħin tagħmilna saċerdoti tajbin u qaddisin.

Intom, fina, dawk li tridu taraw, jien ma noqgħodx inħares lejn in-numru kemm għandna saċerdoti... Jiena ma nħarisx lejn in-numru, inħares lejn ix-xogħol li nistgħu nagħmlu fil-parroċċa tagħna u Alla żgur li jgħinna... Għalhekk nirringrazzjawh flimkien talli tana s-saċerdot fostna, kemm hu mportanti s-saċerdot meta jerfa' idu u jaħfrilna biex jerġa jħabbibna m'Alla."



**Omelija**

Waqt l-omelija, Dun Nazzaren fost affarijiet oħra kellu dan xi jgħid: "Illum ser niftakru ftit għalfejn qegħdin niġu hawnhekk, biex infaħħru 'l-Madonna, biex il-Madonna lilna tgeżwirna fil-mant sabiħ tagħha, fli tgħinna ħalli toħodna għand Ġesu meta jasal il-waqt. Permezz tagħha rridu naslu għand Alla; mingħajr il-Madonna ma aħna ser nagħmlu xejn, ħuti. Il-grazzja li jagħtina Alla trid taħdem fina bil-għajnuna kbira li tagħtina Ommna Marija. Għalhekk qegħdin niġu hawnhekk, biex nagħrfu aktar lill-Madonna fl-imħabba kbira tagħha li kellha lejn binha Ġesu ħalli lilna, bħalha, tressaqna lejh.

Marija Sultana tas-sema u ta' l-art, Reġina tal-Konsagrazzjoni, hi jixirqilha, wara binha Ġesu, kull unur, kull rispett, kull qima, kull imħabba, kull glorja u ġieħ. Hi sultana u ommna mimlija bil-grazzja. Alla li tant ħabbha sejħilha, għażilha għalih sabiex tingħatha kollha kemm hi lilu, il-Qaddis tal-Qaddisin, sabiex permezz tagħha jsir bniedem u jibqa' Alla b'żewġ naturi imma b'persuna waħda, Alla wieħed, sabiex jifdina u jsalvana.

Marija inti l-imżejna b'kull virtu, inti ikkonsagrata għal dejjem lil dak li ħalqek u li ried fil-milja taż-żmien jitwieled minnek, ikun suġġet għalik, meravilja, u jiġi jgħammar fostna sabiex ikun id-difensur, ir-rgħaj, ir-redentur, is-salvatur, il-ħellies, id-dawl, l-unika triq, veru ħajja tagħna, l-għejxien Ewkaristiku tagħna lkoll. Jiena qed niġbor dak kollu illi nitgħallmu hawnhekk f'erba' kelmiet qosra.

Marija Omm il-Konsagrazzjoni tagħna, il-ftit ħin illi ġejna hawn quddiemek iservina sabiex nesprimulek imħabbitna. Marija inti s-Sultana tal-Konsagrazzjoni, inti taf li aħna nħobbuk għalkemm dgħajfin. Bik inħossuna aktar ħielsa sabiex inħallu lil qlubna juruk x'qegħdin iħossu u biex l-att ċkejken ta' konsagrazzjoni nesprimuh fi stqarrija aktar soda ta' fidi tagħna lejk. Aħna rridu nuru l-kobor bla tarf ta' l-obbligazzjoni tagħna lejk, inti tajtna lil Ġesu li hu l-għajn ta' kull ġid tagħna. Kieku ma kontx int, aħna għadna sallum fid-dlamijiet tad-dinja, mitlufa taħt is-sentenza tal-mewt tal-qedem.

Il-providenza divina għoġobha tinqeda bik u fuq kollox b'ibnek Ġesu sabiex teħlisna mis-serp velenuż, għoġobha li tinqeda bik fil-pjan tal-ħniena u fdatlek f'idejk ħidma li ma setgħetx tkun aktar nobbli. Għalhemm tiddependi għal kollox mill-Feddej, inti ġejt magħżula bħala s-sieħba meraviljuża Tiegħu, mgħollija qrib Tiegħu daqskemm krejatura setgħet qatt togħla b'mod li Hu ma ried jagħmel xejn mingħajrek. Kif, biex iseħħ il-pjan tas-salvazzjoni, Alla ried jinqeda mill-bidu sat-tmiem bik, hekk ukoll kien meħtieġ li inti tkun imdaħħla fil-qima tagħna lejH.

Għalhekk Marija Ommna, huwa d-dmir tagħna, li lejk aħna napprezzaw dak

li għamilt u permezz tal-fidi tagħna nippruvaw nagħrfu kif jixraq lill-Missier u lill-Ispirtu s-Santu fil-persuna ta' Ġesu ikkonċepit minnek. Naslu għand ibnek Ġesu permezz tiegħek, aħna tiegħek, hu ħsiebna, dawwalna, għallimna, għadirna u salvana.

Ippermettilna nirringrazzjawk, Marija Ommna, ta' dak kollu li għamilt m'oħtna Ġuża Mifsud, li din il-persuna sejjaħtilha int, għażiltha sabiex lilna tgħallimna, sabiex lilna tagħtina l-ħeġġa kbira li kellha hi, li wriet dejjem magħna, sabiex tressaqna lejn Alla, li jien dejjem kont nara fiha dak it-tbaqbiq f'qalbha, qalbha tbaqbaq sabiex tħobbok aktar, mhux hi biss imma ġġegħel lilna wkoll.

Għinna sabiex bħalek akkost ta' kull sagrifiċċju ngħixu r-rieda ta' Ibnek Ġesu, naslu għand Ibnek Ġesu permezz tiegħek.

U l-aħħar ħaġa, Sinjur Alla inroddlok ħajr kbir - naqra ta' talba bħala ringrazzjament - il-ħajr li jixraqlek tul il-ħamsin sena li għoġbok tagħtini bħala saċerdot tiegħek. Sinjur Alla inti dejjem għintni u ħabbejtni bħala saċerdot fil-mixja tiegħi lejk, għadirtni fid-djufija tiegħi. Sinjur Alla nistqarr li dejjem għamilt ħilti għalkemm dgħajjef sabiex nagħmel ir-rieda Tiegħek; inroddlok ħajr tal-ġenituri twajba u eżemplari li tajtni. Nirringrazzjak Mulej li fi tfuliti, f'żgħożiti, fl-istudju tiegħi, dejjem f'dawn il-ħamsin sena, jiena għamilt ħilti biex inkun verament saċerdot, għalkemm dgħajjef, imma rgħaj bravu ħalli naqdik. Nirringrazzjak fuq kollox għar-rgħajja bravi u qaddisin, għas-surmastrijiet li inti dejjem ipprovdejtli sabiex jippreparawni għal mal-poplu t'Alla.

Nirringrazzjak tas-saċerdozju tiegħi, żommni f'umilta', f'sempliċita' u f'umanita' tul il-ħajja li baqali f'din id-dinja ma ħuti l-bnedmin, huma min huma, agħmel li bil-grazzja Tiegħek inkun fejn inkun, inkun dak l-istrument ta' paċi vera, ta' faraġ, ta' solidarjeta', ta' komunjoni u fuq kollox ta' mħabba dejjiema billi fi ħsiebi u f'għemili tidher Int u qatt jiena. Ikun imfaħħar Ġesu Kristu."

**Għeluq**

Ma setax jonqos illi qabel ma temm il-quddiesa, Dun Nazzaren qal, "nixtieq ukoll minn qalbi nirringrazzja lil Mons. Arċisqof li tant iħobbna lilna... Imma kollox bil-mod. Aħna nimxu skond ir-regoli tal-knisja, dejjem ngħidulu x'ser nagħmlu u ma nagħmlux... dejjem nitolbuh aħna, mbagħad inħallu f'idejn Alla u f'idejh u kif jagħmel hu ngħidulu iva, inbaxxu rasna, imma jekk tkun ir-rieda ta'Alla żgur li jagħtina. Nirringrazzjawh u nitolbu għalih..."

Ringrazzjament ieħor sar ukoll lil grupp tal-Mużew taż-Żurrieq li animaw il-quddiesa b'kant sabiħ u ta' tifħir lil Alla u lil Ommna Marija, lil Fr. Lorry



Galea, s-seminarista Reuben u l-abbatini li taw l-għajnuna tagħhom. B'turija ta' apprezzament l-offerti ttellgħu minn dawk il-persuni li jorganizzaw il-privates u minibuses kif ukoll min oħrajn li jagħtu l-għajnuna tagħhom waqt il-laqgħat.

Kienet quddiesa ferm sabiħa, f'ambjent sabiħ u f'ġabra kbira. Kulħadd ħalla l-Girgenti b'serenita' u paċi ta' qalb kbira, esperjenza li żgur tibqa' mnaqqxa fil-qlub tagħna lkoll. Grazzi Mulej Alla, grazzi Mulej Ġesu, grazzi Spirtu s-Santu, grazzi wkoll lill-Madonna u s-sema kollha.

***Sylvana Spiteri LL.D***

# GRAZZJI MAQLUGĦA

**N. N. mill-Munxar, Għawdex** tirringrazzja lil Alla għall-grazzja li qalgħet bl-interċessjoni tal-Madonna u ta' Ġuża Mifsud. Qalet li f'daqqa waħda ħasset xi ħaġa ġo għajnha u beżgħet li ser ikollha tagħmel xi operazzjoni, iżda l-ispeċjalista qalilha li għandha ftit barxa, ta t-taqtir u għaddithielha. Ftit wara ħasset l-istess f'għajnha l-oħra. Talbet li tfiq mingħajr ma tmur għand l-ispeċjalista. Tgħid li sa jumejn wara ma ħasset xejn iżjed.

**R. Camilleri minn tas-Sliema kitbet hekk:** F'Diċembru 2006, in-nepputi tiegħi waqa għoli ta' żewġ sulari. Ittieħed l-isptar u kien qiegħed fl-ITU. It-tobba kienu jgħidulna li l-fejqan tiegħu jista' jkun fit-tul pero' qatt ma qatgħulna qalbna.

Jiena tlabt lil diversi qaddisin fosthom tlabt ukoll lill-Madonna tal-Girgenti għall-fejqan tiegħu. Nirringrazzja lil Alla li wara tliet xhur in-nepputi tiegħi ħareġ mill-isptar, jinsab tajjeb ħafna u beda jmur għax-xogħol.

**Mary Lilian Scifo mis-Siġġiewi kitbet hekk:** Fil-21 ta' Ġunju 1987, meta ibni Araon kellu għaxar snin, kien ġej mill-iskola u ntlaqat minn mutur. Ġew iħabbtuli n-nies u meta mort fuq il-post sibt lil ibni jaqbeż qisu fenek mgħarraq f'demmu u b'moħħu barra.

Ġiet l-ambulanza u ħaduh l-isptar. Il-Professur qalli li tliet minuti baqalu ħajja u ġagħalni niffirma. Dak il-ħin kienu s-siegħa ta' wara nofs in-nhar. Il-Professur qalli li mhux ċert li ibni ħa jibqa' ħaj. Imma qalli li ser jagħmel l-almu tiegħu biex isalvah.

Jiena b'fidi kbira għidtlu li Alla hu akbar minn kulħadd u jekk irid jista' jibqa' ħaj. Damu disa' siegħat fl-operating room. Kienu xi l-għaxra x'ħin niżżluh. Kien f'koma kbira u dam f'din is-sitwazzjoni xi ħamsin ġurnata.

Jien mort għand Ġuża u għidtilha x'ġara. Qaltli biex ma naqtgħax qalbi għax il-Madonna għandna mnejn terġa' tagħtihuli fi ħdani. Kont immur naraħ darbtejn kuljum. Kulħadd kien jitlob għalih u ħafna nies kienu jċempluli imma kultant ma kinx ikolli aptit nirrispondi bid-dwejjaq u l-għejja li kien ikolli.

Jiena meta kont immur u naraħ hekk ma tantx kont nagħmel kuraġġ. Imma qatt ma tlift il-fidi.

Darba ġejt id-dar u ċempel it-telephone. Jiena ma kellix aptit nirrispondi, imma mbilli baqa' jċempel irrispondejtu. Kienet Ġuża Mifsud u qaltli li l-Madonna tal-Girgenti kienet qaltilha li ibni ha jqum mill-koma u qaltli biex nitlobu tliet Ave Marijiet lill-Madonna.

Jiena għamilt kuraġġ u mort l-isptar aktar kmieni. Meta wasalt l-ITU ġie l-Professur u qalli li ibni qed iqum u ġej il quddiem. Jiena bdejt nibki bil-ferħ u meta dħalt kien qed jixrob u jiekol għalkemm ma għarafniex. Il-Professur qalli wkoll li mhux żgur jimxi. Imma jiena għidtlu, "la għadda l-oħra, bil-għajnuna tal-Madonna jgħaddi din ukoll," kif filfatt ġara.

It-tifel baqa' ġej il-quddiem u fil-5 ta' Awissu hareġ mill-isptar.

**G. A. minn Birzebbugia kitbet hekk:** Kelli r-raġel kien l-ITU, għamel tlett ijiem ma jkellimnix u kemm l-Emerġenza kif ukoll l-ITU qalulna li mhux għal magħna.

Bdejt nagħmillu l-ilma tal-Madonna tal-Girgenti, ġie mhux ħażin, ħareġ mill-ITU u tela' ħdejn il-Madonna biex nirringrazzjaw lil Alla flimkien.

**Tereża Brincat minn Birkirkara** tirringrazzja lil Alla għall-grazzja li qalgħet bl-interċessjoni tal-Madonna rigward Kelimber Fenech li minkejja li twieldet żgħira iżda twieldet qawwija u sħiħa.

**D. Borg minn Ħal Qormi** tirringrazzja lil Alla għall-grazzja li qalgħet bl-interċessjoni tal-Madonna. Kellha sieqha l-leminija nfettata u kienu ser ineħħuhielha. Telgħet il-Girgenti titlob lill-Madonna u meta marret l-isptar qalgħet il-grazzja li sieqha ġiet biss imnaddfa u salvatha.

**N. Ellul minn San Pawl** jirringrazzja lil Alla li bl-interċessjoni tal-Madonna tal-Girgenti u ta' Ġuża Mifsud kien soġġett għal operazzjoni kbira ħafna u llum jinsab tajjeb.



**G. A. minn Ħal Balzan** jirringrazzja lil Alla għall-grazzja kbira li qala' bl-interċessjoni tal-Madonna tal-Girgenti. Għandu tifla b'diżabilita', kellha snienha kollha ġebla u bħal tfal oħra tibża' ħafna mid-demm, mill-uġigħ u mill-għodda tad-dentist. Bil-għajnuna t'Alla marru l-Isptar u kollox mar sew.

Kull darba li kien jitla' l-Girgenti kien jitlob din il-grazzja u għalkemm għall-ewwel kien jitla b'kurżita', iżda aktar ma beda jitla' l-Girgenti aktar tgħallem kif jirringrazzja lil Alla . Fil-Girgenti jsib il-paċi u l-ferħ tal-qalb u permezz ta' Marija wieħed jersaq aktar lejn Alla.

**N.N. miż-Żebbug, Għawdex** tgħid li kellha l-wiċċ ta' saqajjha juġagħha ħafna. Telgħet il-Girgenti, xarbithom bl-ilma u qatt ma ħassitu aktar l-uġigħ.

## L-ANNIVERSARJU TAL-MEWT TA' ĠUŻA MIFSUD

**Nhar Ħadd 28 ta' Ottubru 2007 jaħbat il-ħdax-il anniversarju mill-mewt ta' Ġuża Mifsud. Ser tiġi ċelebrata quddiesa għar-ruħha fil-Knisja Arċipretali tas-Siġġiewi it-TNEJN 29 TA' OTTUBRU fis-6.30p.m. Nappella lil dawk kollha li qalgħu grazzji, dawk li kienu jafuha u d-devoti tal-Madonna sabiex nattendu u flimkien nirringrazzjaw lil Alla u l-Madonna li għoġobhom jinqdew b'Ġuża sabiex iwasslu l-messaġġ tagħhom.**

## TALBA

Sinjur Alla ta' l-Eżerċiti ixħet il-ħarsa tiegħek fuqi, twarrabx idejk minni u żommni dejjem marbut/a mal-volonta' mqaddsa tiegħek.

Mulej, nadurak, imbierkek u nfaħħrek u filwaqt li niżżik ħajr tad-doni u l-grazzji li inti tajt lil Ġuża Mifsud, nitolbok sabiex bl-interċessjoni tagħha u ta' Ommi Marija Santissima, taqlaghli din il-grazzja li tant nixtieq. Amen. *Glorja lill-Missier...*